MFSA MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

Stqarrija

5 ta' Frar 2020

# L-MFSA tippubblika Dokument Konsultattiv b'Reviżjonijiet fuq il-Kodiċi ta' Governanza Korporattiva għal Entitajiet Awtorizzati minnha u Kumpaniji b'ishma kkwotati fil-Borża ta' Malta

- Id-Dokument Konsultattiv jipproponi li jitnieda Kodiċi ta' Governanza Korporattiva, ibbażat fuq numru ta' prinċipji u li jħadden fih il-livelli kollha meħtieġa u li jkollu wkoll regoli u linji gwida speċifiċi għal kull settur.
- L-MFSA qed tipproponi sett ta' prinċipji biex jissaħħaħ ir-rwol fundamentali tal-Bord tad-Diretturi, li jirrikjedi li l-kumpaniji jagħtu spjegazzjoni dwar il-proċess tal-ħatra u l-kriterji li ntużaw.
- Il-Kodiċi ta' Governanza Korporattiva li qed jiġi propost jagħmel referenza espliċita għall-fatt li kumpaniji jrid ikollhom mekkaniżmi ta' kontroll intern adegwati biex jimmaniġġjaw riskji marbuta mal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

Illum, l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta nediet konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati li tippreżenta diversi proposti għat-tnedija ta' Kodiċi ta' Governanza Korporattiva. Dan hu bbażat fuq numru ta' prinċipji li jkunu applikabbli għall-entitajiet kollha awtorizzati mill-MFSA u l-Kumpaniji b'ishma kkwotati fil-Borża ta' Malta, b'regoli u linji gwida speċifiċi għal kull settur.

L-Awtorità qed tipproponi li l-entitajiet ikunu mistennija li "japplikaw u jispjegaw" il-Kodiċi, u li "jikkonformaw jew jispjegaw" kif qed isegwu r-regoli u l-linji gwida applikabbli. Id-Dokument Konsultattiv jippreżenta wkoll numru ta' prinċipji biex ikunu inklużi fil-Kodiċi ta' Governanza Korporattiva bir-reviżjonijiet li qed jiġu proposti. Fost dawn il-prinċipji nsibu dawk li għandhom x'jaqsmu mal-Bord tad-Diretturi, ir-responsabbiltajiet ta' funzjonarji u ta' uffiċjali, l-involviment mal-partijiet ikkonċernati, il-kumitati, il-kultura korporattiva, il-kodiċi tal-etika, l-immaniġġjar tar-riskju, kif ukoll suġġetti oħra.

"Nemmnu li l-proposti ppreżentati fil-pubblikazzjoni tal-lum huma strumentali biex jgħollu b'mod sinifikanti l-livelli tal-Governanza Korporattiva u jistabbilixxu l-aspettattivi tal-Awtorità f'dan ir-rigward," ikkummenta il-Kap Eżekuttiv tal-MFSA, Joseph Cuschieri. "Aħna ressaqna dawn il-proposti għax nemmnu li l-enfasi fuq il-Governanza Korporattiva se jkollha effett pożittiv fuq l-industrija tas-servizzi finanzjarji u se tgħolli l-*istandards* ta' konformità f'kull settur."

Id-Dokument Konsultattiv jista' jinkiseb mill-websajt tal-MFSA. Il-partijiet interessati li jixtiequ jibagħtu l-*feedback* tagħhom huma mistednin li jagħmlu dan sal-**Erbgħa 26 ta' Frar 2020** fuq CorporateGovernance@mfsa.mt.

Triq l-Imdina, Zone 1 Central Business District, Birkirkara CBD 1010
+356 2144 1155
communications@mfsa.mt
www.mfsa.mt

## Dwar l-MFSA

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) hija r-regolatur uniku tas-servizzi finanzjarji f'Malta, li tkopri banek, kumpaniji ta' assigurazzjoni, servizzi ta' investiment, trusts u pensjoniiet. Mis-sena li għaddiet, l-MFSA saret l-ewwel regolatur Ewropew li żviluppa qafas li jirregola l-assi finanzjarji virtwali. Il-missjoni tal-MFSA, kif definita fil-Viżjoni tagħha għall-2021, hi li ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha bħala awtorità superviżorja indipendenti, proattiva u afidabbli bl-għan ewlieni li tissalvagwardja l-integrità tas-swieq, u tħares l-istabilità tassettur finazjarju għall-benefiċċju u l-protezzjoni tal-konsumatur. L-MFSA tilliċenzja aktar minn 2,300 fis-settur tas-servizzi finanzjarji, li jifforma 11% tal-Prodott Domestiku Gross ta' Malta.